# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 53/2016**

Il-Pulizija

vs

**Gordon (Gordon Chris) Frendo**

iben Joseph, imwieled Pieta', fit-18 ta' Marzu, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 158675(M)

Illum il-31 ta' Lulju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Gordon (Gordon Chris) Frendo quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli nhar il-21 ta' Settembru 2013 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (8pm) f'dawn il-Gzejjer, ikkagguna ugiegh, tbatija jew sofferenza fuq animal, u cioe' fuq kelb, u kkagunalha feriti kif iccerifikat mill-veterinarju Dr Sabrina Bonnici.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Jannar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 8 u 45 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' *multa* ta' elf u tlett mitt ewro Euro (€1,300) liema multa ghandha tithallas fi zmien tmintax il-xahar (18)

f'pagamenti mensili bl-ewwel pagament jithallas fl-ahhar ta' Frar, 2016 u f'kaz ta' nuqqas ta' hlas konvertibbli fi prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Gordon (Gordon Chris) Frendo minnu pprezentat fid-9 ta' Frar, 2016 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u ma ssibx htija fl-appellant.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

> Illi dan l-aggravju jirrigwardja apprezzament ta' prova, u fil-waqt li l-appellant japprezza illi l-Qorti ta' l-Appell ma hijiex qorti ta' revizjoni u mhux soltu li tissindika l-provi mill-gdid, dan id-dover ghandha taghmlu biss meta l-apprezzament tal-prova ikun wiehed manifest.
>
> Illi bid-dovut rispett ta' l-Ewwel Qorti, l-esponenti jikkontendi illi r-ragunament u l-konsiderazzjonijiet li permezz taghhom l-Ewwel Qorti sabet htija kienu ghal kollox hziena. Illi l-Ewwel Qorti tat donnu x'jifhem illi ghaliex il-kelb il-kwistjoni kien licenzjat u bic-cippa', allura ifisser illi sid il-kelb kien jiehu hsiebu u dak li qal l-esponent ma kienx veritier. Illi l-verzjoni ta' l-esponenti hija mill-aktar kredibli u bl-agir tieghu huwa impossibli li setgha qatt xi darba ikkaguna hsara u mohqrija lill-kelb.
>
> L-Ewwel Qorti donnu li minghajr prova diretta f'dan is-sens "by elimination" u bi hsibijiet li jxeqilbu bis-shih lejn il-prosekuzjoni sabet illi la darba dakinhar kien hemm incident allura kien bilfors li kien l-appellanti li wegga' l-kelb in kwistjoni.
>
> Illi indubjament il-provi f'dan il-kaz ghandhom jergghu jigu mistharrga minn din l-Onor Qorti ta' l-Appell sabiex is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tkun revokata u mibdula b'mob illi l-appellant jigi liberat minn kull akkuza dedotta kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-uniku aggravju li jressaq l-appellant huwa jikritika d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ghaliex fil-fehma tieghu sar apprezzament hazin tal-provi meta hija tat affidament lil verzjoni tal-parti leza u mhux tieghu. Dan meta ikkonkludiet illi l-incident bejn l-appellant u sid il-kelb u siehbu inqala' wara li huwa kien wegga' l-kelb u li kien ghalhekk illi dawn it-tnejn minn nies hebbew ghall-appellant. Illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta'

Illi ukoll gjaldarba l-ilment tal-appellant hwua dirett lejn l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti dwar il-kredibbilita tal-verzjonijiet moghtija minnu u mill-parti leza, il-Qorti tiribadixxi dak li hemm dispost fl-artikolu l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat[2].

Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, 'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...' [3]. Ezercizzju li setghet taghmlu l-Ewwel Qorti ghal kuntrarju ta' din il-Qorti li ma kellhiex ix-xorti tisma' lill-ko-litigandi jaghtu id-deposizzjoni taghhom quddiemha viva voce.

---

Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

[3] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Thorne[4], *'..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'*.

Illi maghdud dan, madanakollu, l-Qorti ezaminat l-atti mill-gdid minn fejn irrizultalha illi l-pulizija bdew bl-investigazzjonijiet taghhom f'dan il-kaz wara li nhar il-21 ta' Settembru 2013, l-appellant ghamel rapport fejn allega li Aaron Garcia u Christopher Scifo Diamantino kienu ħebbew għaliħ. Meta dawn it-tnejn minn nies ġew mitkellma mill-pulizija huma stqarru illi l-iskontru bejnhom u bejn l-appellant sehh meta dan tal-ahhar ta daqqa ta' sieq lill-kelb ta' Garcia li kien ghaddej dak il-hin mit-triq fejn joqghod l-appellant, liema kelb huwa tar-razza *boxer* u f'dak iz-żmien kellu erba' xhur. Dan il-kelb gie icceritifkat mit-tabib veterinarju li kien qed isofri minn "*mild concussion*". Meta gie mitkellem mill-pulizija l-appellant stqarr illi kien il-kelb li habat ghalih izda cahad illi huwa ta' daqqa ta' sieq lil dan il-kelb. Jidher illi ittiehdu passi kriminali ukoll kontra Garcia u Scifo Diamantino meta dawn hebbew ghall-appellant wara li dan allegatament laqat lil kelb u wegghu.

Illi l-appellant jinstab mixli b'akkuża waħda u ċioe dik regolata mill-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439), senjatament l-artikolu 8(2) li jiddisponi illi:

> **(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.**

---

[4] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

Bil-piena għal dan ir-reat jigi regolat mill-artikolu 45 tal-istess Att. Illi imbaghad l-artikolu 2 ta'l-Att taghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:

> **"moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa;**

Ikkunsidrat,

Illi m'hemm l-ebda dubbju li din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, tinsab rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijatrikament opposti għal xulxin fejn ghalkemm huwa inkontestat illi sehh divverbju bejn l-appellant, Garcia u Scifo Diamantino fejn dawn anke spicca fl-idejn, madanakollu filwaqt li Aaron Garcia jistqarr illi l-appellant xejjer daqqa ta' sieq fuq ras il-kelb ghall-ebda raguni, l-appellant dan jichdu u ighid li kien il-kelb li hebb ghalih, izda hu fl-ebda hin ma laqtu jew wegghu.

Illi l-appellant jishaq illi l-kelb kien ghaddej fit-triq minghajr cinga u hekk kif hu hareg mir-residenza tieghu, l-kelb hebb ghalih, izda huwa ma tah l-ebda daqqa ta' sieq, izda baqa' miexi. Garcia minn naha l-ohra jikkontendi illi l-kelb kien marbut b'cinga u fl-ebda hin ma hebb ghall-appellant, izda hekk kif l-appellant ghadda minn hdejhom ghall-ebda motiv huwa xejjer daqqa ta' sieq u laqat il-kelb fuq rasu tant illi fil-ghaxija kellu jiehdu ghand tabib veterinarju li iccertfika li l-kelb kien qed ibati minn *mild concussion* u inghata it-trattament ghal din il-kundizzjoni. L-appellant jisħaq li hu jibża mill-klieb u inhasad meta ra l-kelb gej jigri ghal fuqu. Garcia minn naha l-ohra jispjega li inizjalment l-appellant kien miexi fuq il-bankina mbagħad nizel għal ġot-triq fejn kienu huma, tant illi ħaseb li l-appellant kien ser javviċinhom sabiex imelles il-kelba tiegħu. Madankollu kif għaddew minn ħdejħ, l-appellant għal xejn b'xejn xejjer daqqa ta sieq f'wiċċ il-kelb. Garcia spjega kif hu pprova jkellem lill-appellant sabiex jifhem għalfejn kien għamel hekk u dan peress li ma kien hemm assolutament l-ebda provokazzjoni da

parti tiegħu jew tal-kelb iżda minflok l-appellant injorah u baqa sejjer fi triqtu. Kien hemmhekk li Garcia sejjaħ lill-imgħallem tiegħu Christopher Scifo u erhewlha sabiex ikellmu lill-appellant dwar dak li kien seħħ fejn inqalghat tilwima li wasslet sabiex l-appellant għamel rapport kontra Garcia u Diamantino talli huma ħebbew għalih. Illi rriżulta illi Garcia u Diamantino diġa ġew ipproċessati quddiem Qorti oħra dwar din l-aggressjoni fuq il-persuna tal-appellant, fejn huma gew misjuba ħatja.

Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr, minghajr tlaqliq, illi l-verzjoni moghtija mill-appellant, fid-dawl tac-certifikat mediku esebiet in atti u li d-difiza stess accettatu bhala veritjier, u ghalhekk ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq lit-tabiba veterinarja li harrgitu sabiex tikkonferma l-kontenut tieghu, hija ghal kollox inverosimili meta dan jibqa' isostni illi huwa lil kelb ma messux. L-appellant stess jammetti li hu jibza' mill-klieb u allura ma huwiex verosimili kif bniedem li jibza' li ser jigi attakkat minn kelb ma jirreagixxiex u jibqa' ghaddej qisu ma gara xejn. Kieku l-verzjoni tal-appellant kellha tigi emmnuta lanqas ma jista' jkun hemm raguni li setghet twassal lil Scifo Diamantoni u lil Garcia imorru ifitxxu lill-appellant ghas-sodisfazzjon meta l-appellant stess jistqarr illi lil dawn in-nies huwa qatt ma kien kellimhom qabel dan l-incident.

Illi abbinat ma' dan, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti hemm certifikat mediku li ftit sighat biss wara li sehh l-incident jikkonferma illi il-kelb kien qed isofri minn *mild concussion*, kundizzjoni li setghet tavvera ruhha biss wara daqqa qawwija fuq ir-ras.

L-appellant minn naha tieghu bil-fatt li jibqa' jichad illi huwa xejjer daqqa ta' sieq lil kelb, ma jirnexxielux iressaq il-prova, u dan fuq bazi tal-probabbli, illi l-ugigh u tbatija li sofra dan il-kelb fic-cirkostanzi ma kienx zejjed jew bla htiega kif imfisser fl-artikolu 2 hawn fuq iccitat. Li kieku l-appellant ammetta li ghamel il-ferita kif rapportata fuq il-kelb, izda li din l-azzjoni kienet wahda necessitata minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti forsi kienet tahsibha xort'ohra, izda bin-negazzjoni tieghu li allura tirrendi il-verzjoni tal-parti leza wahda aktar verosimili, din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief, bhall-Ewwel Qorti qabilha, tqies ix-xiehda tal-appellant bhala wahda inattendibbli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Edwina Grima
Imhallef